MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 8/2020 LM

**Vanessa Rapa Grech (K.I. nru. 511866(M)), Moira Portelli (K.I. nru. 197951(M)), Dr. Mark Grech (K.I. nru. 495566(M)), Sandra Antiohos (Liċenzja tas-Sewqan Awtstraljana 05371923), Philip Grech (K.I. nru. 315963(M)), Dr. Kenneth Grech (K.I. nru. 47667(M)), Lisa Grech (K.I. 0193500L), Maryanne Gera K.I. nru. 558056(M)), Angela Hili (K.I. nru. 353258(M)), Christopher Grech (K.I. nru. 8560(M)), Maria Amabilis sive May Mifsud (K.I. nru. 579161(M)), Nicholas Grech (K.I. nru. 216165(M)) u Frank Grech (Passaport Awstraljan PA5273000)**

***vs.***

**L-Avukat Ġenerali li kien sostitwit ope legis bl-Avukat tal-Istat, b'effett tal-Kap. 603 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Avviż Legali 329 tal-2019, Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali, u il-Partit Laburista**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Jannar, 2020, mir-rikorrenti **Vanessa Rapa Grech (K.I. nru. 511866(M)), Moira Portelli (K.I. nru. 197951(M)), Dr. Mark Grech (K.I. nru. 495566(M)), Sandra Antiohos (Liċenzja tas-Sewqan**

**Awstraljana 05371923), Philip Grech (K.I. nru. 315963(M)), Dr. Kenneth Grech (K.I. nru. 47667(M)), Lisa Grech (K.I. nru. 0193500L), K.I. nru. Maryanne Gera (K.I. nru. 558056(M)), Angela Hili (K.I. nru. 353258(M)), Christopher Grech (K.I. nru. 8560(M)), Maria Amabilis sive May Mifsud (K.I. nru. 579161(M)), Nicholas Grech (K.I. nru. 216165(M))** u **Frank Grech (Passaport Awstraljan PA5273000)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn issottomettew dan li ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi l-esponenti huma l-propjetarji tal-fond numru 362 Triq il-Kbira San Ġużepp Santa Venera.*
2. *Illi b'ordni ta' rekwiżizzjoni numru RO23691 maħruġ taħt l-Artiklu 3 tal-Kap 125 is-Segretaraju tad-Djar, illum Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali kien ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni kontra l-esponenti fuq dan il-fond.*
3. *Illi wara li dan l-fond dam iżjed minn sena mhux użat, kien ġie allokat mill-intimat lil Malta Labour Party ta' Santa Venera biex jintuża bħala club politiku u dana bil-kumpens stabbilt unilateralment mil-intimat li eventwalment ġie awmentat għal mija erba' u sittin lira (Lm164 ekwivalenti għal 382 Euro) fis-sena mill-Bord li Jirregola l-Kera fuq talba tal-esponenti.*
4. *Illi l-poter tal-intimat taħt l-Artiklu 3 tal-Kap 125 li joħroġ ordni ta' rekwiżizzjoni huwa limitat biss għal meta :*

   "jidhirlu li huwa meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-taqsim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar …………(fn. 1 Kap 125 Art 3)".
5. *Illi f' dan il-kas huwa ċar u manifest li l-ordni ta' rekwiżizzjoni ma inħariġx mill-intimat għal skop li n-nies jkollhom fejn jgħammru u wisq anqas għax kien xieraq jew meħtieġ fl-interess pubbliku stante li allokazzjoni ta' fond favur fergħa ta' partit politiku mhux fl-interess pubbliku iżda purament fl-interess tal-istess partit politiku liema partit kien, kumbinazzjoni, fil-gvern meta inħarġet l-imsemmija ordni ta' rekwiżizzjoni.*
6. *Illi tali teħid għalhekk kien* ultra vires *u b'abbuż tal-poteri mogħtija lill-intimat fl-Artikolu 3 tal-Kap 125 billi t-teħid tal-fond in kwistjoni ma sarx fl-interess pubbliku kif dikjarat fl-istess ordni;*
7. *Illi minn dak iż-żmien 'l hawn l-esponenti qegħdin jirċevu l-istess kumpens irriżorju u merament nominali ta' Lm164 (ekwivalenti għal 382 Euro) fis-sena*

*għat-teħid tal-pussess tal-istess proprjetà mill-poter tagħhom u dana bi ksur tal-Artikolu 1 ta' L-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea billi l-istess rekwiżizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku u mhuwiex qed jingħata lill-esponenti kumpens xieraq u adegwat għat-teħid ta' pussess li sar bis-saħħa tal-istess ordni ta' rekwiżizzjoni liema ksur tal-Artiklu fuq imsemmi huwa ta' natura kontinwa.*

8. *Illi f'sentenza tas-26 ta' Novembru, 2009 il-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha kienet iddeċidiet fil-mod segwenti fil-kawża fl-ismijiet Philip Grech I.D. 352128 (M) f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-assenti Frank Grech, Alfred Grech I.D. 15027 (M), Gaetano sive Tano Grech I.D. 544030 (M), Josephine Diacono I.D. 127424, Christopher Grech, I.D. 8560 (M), Maria Amabilis sive May Mifsud I.D. 579161 M, Angela Hili I.D. 353258 (M), Maryanne Gera I.D. 558056 (M). vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u b'digriet tal-24 ta' April 2008 Edwin Formosa u Dorian Cremona (I.D. 689240 (M) u 284274 (M) bħala President u Segretarju tal-Kazin Laburista ta' Santa Venera rispettivament intervenew fil-kawża "*in statu et terminis" *Rikors Numru. 60/2006*

III. KONKLUŻJONI.

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deċiż, u filwaqt li tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biss fil-kuntest hawn deċiż b'dan illi tiddikjara li l-aġir tal-intimat u l-ammont ta' kumpens li qed jingħata lir-rikorrenti kien u għadu leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti mill-(1) ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u fid-dawl ta' dak deċiż tiddeċiedi billi:-

(a) Tiddikjara li l-imsemmija ordni ta' rekwiżizzjoni RO23691 hija nulla u bla effett għar-raġunijiet hawn deċiżi b'dan però li tiddikjara għal kull effett u buon fini tal-liġi li llum ir-relazzjoni bejn l-intervenuti fil-kawza u r-rikorrenti hija regolata bir-relazzjoni ta' lokazzjoni eżistenti bejniethom.

(b) Tiddikjara li r-rikorrenti għandhom dritt għall-kumpens xieraq u adegwat għat-teħid tal-pussess tal-fond 362 Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera permezz tal-imsemmija ordni ta' rekwiżizzjoni bil-mod kif indikat f'din is-sentenza u wkoll minħabba li konsegwenti għall-istess ordni huma rċevew ammont mhux xieraq u adegwat bħala kumpens għall-istess, u għalhekk tillikwida l-istess ammont ta' kumpens li għandu jitħallas mill-intimat Direttur tal-Akkomadazzjoni Soċjali lir-rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000).

(c) Tordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) bħala kumpens xieraq u adegwat għat-teħid tal-pussess tal-fond 362 Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera permezz tal-imsemmija ordni ta' rekwiżizzjoni bil-mod kif indikat f'din is-sentenza u

wkoll minħabba li konsegwenti għall-istess ordni huma rċevew ammont mhux xieraq u adegwat bħala kumpens għall-istess kollox kif indikat f'din id-deċiżjoni. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza kontra l-intimat Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali, b'dan li l-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża jibqgħu a karigu tal-istess intervenuti fil-kawża

9. *Illi fis-sentenza mogħtija fl-Appell Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2010 Rikors Numru 60/2006/1 fl-ismijiet Philip Grech f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-assenti Frank Grech, Alfred Grech u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2010 il-ġudizzju għal Alfred Grech li miet fil-mori tal-kawża ġie trasfuż f'isem uliedu Dr. Mark Grech, Philip Grech, Kenneth Grech u Sandra Anthiohos kif ukoll f'isem martu Patricia Grech; Gaetano sive Tano Grech, Josephine Diacono u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2010 il-ġudizzju għal Josephine Diacono li mietet fil-mori tal-kawża, ġie trasfuż f'isem bintha Moira Portelli; Christopher Grech, Maria Amabilis sive May Mifsud, Angela Hili, Maryanne Gera v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali u b'digriet tal-24 ta' April 2008 Edwin Formosa u Dorian Cremona bħala President u Segretarju tal-Każin Laburista ta' Santa Venera rispettivament intervenew fil-kawza* "in statu et terminis" *u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2010 Stephen Sultana bħala President u Robert Seychell bħala Segretarju tal-Każin Laburista ta' Santa Venera assumew l-atti bħala intervenuti fil-kawża minflok Edwin Formosa u Dorian Cremona, il-Qorti presduta mill-Onor Imħallef Aġent President Giannino Caruana Demajo, l-Onor Imħallef Joseph R Micallef u l-Onor Imħallef Tonio Mallia, il-Qorti kienet ikkonfermat l-ewwel sentenza izda varjat l-ammont ta kumpens pagabbli kif gej:*

   Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali billi tilqgħu biss in parte, u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tvarjaha biss billi tordna li l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti għandu jkun ta' €60,000 (flok €75,000 kif ordnat l-ewwel Qorti), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata sal-pagament effettiv. L-ispejjeż tal-kawża in prim istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

10. *Illi għaldaqstant huwa stabbilit mill-qrati tagħna li t-teħid tal-proprjetà kien* ultra vires *u b'abbuż tal-poteri mogħtija lill-intimat id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali;*

11. *Illi minn dak iż-żmien 'l hawn u ċioé mis-7 ta' Diċembru, 2010 l-esponenti baqgħu jirċievu l-istess kumpens irriżorju u merament nominali ta' Lm164 (382 Euro) fis-sena għat-teħid tal-pussess tal-istess proprjetà mill-poter tagħhom u dana bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea billi l-istess rekwiżizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku u mhuwiex qed jingħata lill esponenti*

*kumpens xieraq u adegwat għat-teħid ta’ pussess li sar bis-saħħa tal-istess ordni ta’ rekwiżizzjoni liema ksur tal-Artiklu fuq imsemmi huwa ta’ natura kontinwa. Illi l-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom hija aggravata mill-fatt illi l-ordni tar-rekwiżizzjoni kienet dikjarata nulla iżda r-rikorrenti xorta komplew ibatu l-effetti tagħha.*

12. *Illi għalkemm daħlu fis-seħħ liġijiet ġodda sabiex ittaffu d-diskriminazzjoni u l-inġustizzji li l-liġi speċjali tal-kera kienet toħloq versu s-sidien ta' proprjetà, din l-istess liġi bl-ebda mod ma tgħin lir-rikorrent peress li ma taffettwax il-kera tal-fond in eżami bħala kazin politiku u x’aktarx il-kirja ser tkompli tintiret.*

13. *Illi għalhekk effettivament bl-istat li hija il-liġi preżentement, r-rikorrenti ma għandhomx speranza reali li qatt jiksbu jew il-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond tul ħajjithom.*

14. *Illi la r-rikorrenti u lanqas l-awturi tad-drittijiet tagħhom qatt ma kienu taw il-kunsens ħieles tagħhom li l-fond jinkera kif fuq premess, iżda ġew sfurzati jagħmlu hekk minħabba l-liġi ta' rekwiżizzjoni viġenti fiż-żmien li ħarġet l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u l-liġijiet speċjali tal-kera.*

15. *Illi l-partit intimat għandu mezzi sostanzjali u ma hemm l-ebda raġuni valida sabiex jingħata xi protezzjoni speċjali.*

16. *Illi l- kirja tiġġedded minn skadenza għal oħra u r-rikorrenti ma għandhom l-ebda dritt jirrifjutaw li jġeddu din il-kirja.*

17. *Illi b’dan il-mod ir-rikorrenti ġew u qed jiġu mċaħħdin mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom mingħajr ma qed jingħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond, u dana peress li l-kera li titħallas bl-ebda mod ma hija qrib il-valur lokatizju reali tal-istess fond.*

18. *Illi l-privazzjoni tal-proprjetà tar-rikorrent hija leżjoni tad-dritt ta' proprjetà kif protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.*

19. *Illi din il-privazzjoni hija ferm iżjed serja billi hemm diskriminazzjoni naxxenti mill-fatt biss li sidien oħra ta’ fondijiet ohra li mhumiex każini politiċi għandhom rimedji oħra skont il-liġi li m’għandhomx aċċess għalihom ir-rikorrenti.*

20. *Illi għalhekk ir-rikorrenti iħossu li fir-rigward tagħhom qed jiġi miksur l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u dana billi huwa b'mod diskriminatorju qed jiġi pprivat, mingħajr ma jingħata kumpens ġust, mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu u ċioe tal-fond fuq imsemmi 362 Triq il-Kbira San Ġużepp Santa Venera.*

21. *Illi r-rikorrenti effetivament qegħdin imġiegħlin jissussidjaw, jgħinu u jsostnu finanzjarjament partit politiku u qed jiġi ristrett u mċaħħad id-dritt li jirrifjutaw*

*li jagħmlu hekk. Illi dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt sanċit mill-Artiklu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għall-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni u tal-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*

*22. Illi inoltre r-rikorrenti effetivament qed jiġu sfurzati jissussidjaw finanzjarjament partit politiku, kontra l-għażla tagħhom. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni li jipproteġi il-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni u tal-Artiklu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Id-dritt tar-rikorrenti li jingħaqdu paċifikament u liberament u jassoċjaw ma' persuni oħra u li jappartjenu lil trade union jew unions jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni tal-interessi tagħhom, jinkludi d-dritt tal-għażla li ma jassoċjawx u/jew jgħinu assoċjazzjoni. Dan id-dritt qed jiġi miksur peress li r-rikorrenti qed ikunu mġiegħlin jikkontribwixxu sostenn finanzjarju lil Partit Laburista f'ammont ferm ikbar minn kwalunkwe miżata għal sħubija ma tali Partit.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li dina l-Qorti prevja dikjarazzjoni xierqa u opportuna oħra tiddikjara li l-aġir tal-intimat u l-ammont ta' kumpens li qed jingħata lill-esponenti kien u għadu leżiv tad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tagħhom kif protetti mill-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u li hemm ksur tad-dritt sanċit mill-Artiklu 41 u l-Artiklu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għall-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni u l-ħarsien tal-libertà tal-assoċjazzjoni rispettivament u tal-Artiklu 10 u l-Artiklu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ttihom kull rimedju li jidhrilha xieraq inkluż:*

*(a) dikjarazzjoni li l-effetti kollha tal-imsemmija ordni ta' rekwiżizzjoni RO23691 huma nulli u bla effett skont it-tagħlim Ruman* "quod nullum est nullum producit" *u li din in-nullità testendi għar-relazzjoni ta' lokazzjoni imposta fuq il-partijiet.*

*(b) kumpens xieraq u adegwat għat-teħid tal-pussess tal-fond 362 Triq il-Kbira San Ġużepp St Venera mid-data tal-aħħar stabbiliment ġudizzjarja għall-kumpens.*

*(ċ) kwalunkwe rimedju ieħor li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-kas, tenut kont ta' żmien twil li ilhom l-esponenti miċħuda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom u l-fatt illi r-rikorrenti ma għandhomx speranza reali li qatt jiksbu l-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond tul ħajjithom."*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata l-**Awtorità tad-Djar** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità intimata'] ippreżentata fit-28 ta' Jannar, 2020, fejn issottomettiet dan li ġej:

*"1. Illi id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali ġie sostitwit bl-Awtorità tad-Djar;*

*2. Illi l-Avukat Ġenerali ukoll ġie sostitwit bl-Avukat tal-iStat;*

*3. Illi l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġia ġiet dikjarata nulla fit-7 ta' Diċembru 2010 u għalhekk l-esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għaliex mhijiex l-organu li jilleġislat il-liġi dwar il-kera li issa tikkontrolla dan il-fond;*

*4. Illi jekk wara is-sentenza ċitata fir-rikors promotur il-post baqa' okkupat bis-saħħa tal-kirja indikata mill-Qorti Kostituzzjonali, l-Awtorità tad-Djar ma għandha xejn x'taqsam mal-leġislazzjoni dwar il-kera u għalhekk l-esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur;*

*5. Illi l-atturi iridu jippruvaw li huma sidien uniċi tal-fond mertu tal-kawża u li ma hemm ebda sidien oħra li għandhom interess fl-istess fond;*

*6. Illi skont l-istess rikors kien il-Bord tal-Kera li iffissa il-kera li kellha titħallas u għal dan ma jistax jaħti l-esponent li allura mexa skont il-liġi u skont id-deċiżjoni tal-Bord;*

*7. Illi hemm sentenzi li jindikaw li attività' politika hi essenzajli għal demokrazija fil-pajjiż u għalhekk għajnuna biex tkun tista' issir attività politika ġiet ukoll meqjusa bħala fl-interess pubbliku;*

*8. Illi il-leżjoni li qed jallegaw illum l-atturi tittratta iż-żmien mis-7 ta' Diċembru 2010 sad-data ta' din il-kawza 13 ta' Jannar 2020 u dan stante li kull leżjoni ta' dritt kostituzzjonali qabel dakinhar ġia ġiet spurgata.*

*9. Illi intant l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu tal-każ ġia ġiet annullata bis-sentenza ċitata mill-istess atturi għalhekk it-talba magħmula f'din il-kawża f'dan is-sens hi waħda* res judicata *u frivola. Fil-fatt kienet dik il-Qorti li stabbiliet li fil-każ in eżami kellu jiġi meqjus li la darba l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġiet meqjusa nulla allura jiġi li kien hemm biss relazzjoni ta' kirja bejn il-partijiet;*

*10. Illi is-sidien baqgħu jaċċettaw il-kera li kienet titħallas direttament minn għand l-inkwilini u b'hekk ħolqu relazzjoni ta' kiri;*

*11. Illi intant l-inkwilini tal-fond għalhekk issa ma setgħux jistrieħu aktar fuq l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni biex jiġu protetti imma setgħu biss jistrieħu fuq il-liġi tal-kera. U jekk l-atturi jidhrilhom li ma hemm ebda kirja valida allura l-istess atturi setgħu dejjem fetħu kawża għall-iżgumbrament tal-okkupanti jekk kienu qed iħossu li dawn qed jokkupaw mingħajr titolu.*

*12. Illi intant jiġi rilevat li drittijiet fundamentali mhumiex ma jistgħux jiġu trasferiti mixtrija jew miruta. Drittijiet fundamentali ma jistgħux jiġu trasferiti la b'atti* inter vivos *u la* causa mortis. *Għalhekk jekk min ikun issubixxa leżjoni*

*ma ħassx li għandu jadixxi l-Qrati għall-allegat ksur ta' dritt kostituzzjonali, l-eredi tiegħu ma jistgħux jaġixxu minfloku wara mewtu;*

13. *Illi ħruġ ta' Ordni ta' Rekwiżizzjoni per se mhux leżiv tad-drittijiet fundamentali; ikun hemm leżjoni meta dak il-kumpens imħallas lis-sid ma jkunx proporzjonat mar-restrizzjoni fuq id-dritt ta' proprjetà.*
14. *Illi meta il-Qorti talloka kumpens għall-ksur tad-dritt dan ma jkunx ekwivalenti u meqjus skont il-valur ta' kirja kummerċjali – u hawn wieħed irid jiftakar li f'ħafna pajjiżi Ewropej titħallas taxxa fuq il-proprjetà anke jekk ma tkunx użata.*
15. *Illi intant ħadd ma impona fehmiet politiċi fuq ebda wieħed mis-sidien tal-fond de quo. Kien l-Istat li kellu dritt jirrekwiżizzjona fondi għal skop pubbliku u għalhekk anke anke għal skop politiku u intant is-sidien kellhom dritt jieħdu kumpens proporzjonat għar-restrizzjoni imposta fuq id-dritt ta' proprjetà.*
16. *Illi la darba l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġiet dikjarata nulla bis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2010 minn dakinhar l-Awtorità tad-Djar ma kelliex aktar setgha fuq il-post u ma kelliex x'taqsam iżjed mal-post. Jekk hi il-liġi tal-kera li qed ixxekkel lill-atturi milli jieħdu lura il-post tagħhom, għal dan ma tistax taħti l-Awtorità tad-Djar.*
17. *Illi intant l-atturi lanqas biss ittentaw jieħdu lura il-fond imma minflok baqgħu jaċċettaw il-kera li kienet titħallas lilhom. B'hekk ġie li huma irrikonoxxew lill-inkwilini fil-kirja tagħhom."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat**, li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Jannar, 2020, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li bl-ordni ta' rekwiżizzjoni RO 23691 u bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta anke bl-emendi fil-liġi tal-2009, qed jiġu miksura fil-konfront tagħhom l-artikoli 10, 11 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fundamentali, kif ukoll l-artikoli 37, 41 u 42 tal-Kostituzzjoni u dan billi qegħdin jiġu mċaħħda mit-tgawdija tal-fond 362, Triq il-Kbira San Ġuzepp, Santa Venera mingħajr ma qed jingħataw kumpens adegwat, billi qegħdin jiġu imġiegħlin jissusidjaw, jgħinu u jsostnu finanzjarjament partit politiku u dan kontra l-għażla tagħhom.*

1. *Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti jridu jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni. F'dan ir-rigward jingħad ukoll illi r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar perijodi qabel ma huma saru sidien tal-proprjetà in kwistjoni;*

3. *Illi fir-rigward tal-artikolu 37 l-esponent isostni illi għalkemm dan jissemma fil-premessi, ma hemm ebda talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dan l-artikolu u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tippronunċja ruħha dwar dan;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ anke jekk l-azzjoni hija ibbażata fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, it-talbiet tar-rikorrenti huma irriċevibbli fit-termini tal-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni stante illi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien fis-seħħ qabel Marzu 1962 u għaldaqstant din il-liġi ma tistax tkun soġġetta għall-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;*

5. *Illi l-esponenti jeċepixxu wkoll in-nuqqas ta' applikabilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li fil-każ odjern ma hemm l-ebda teħid forzuż tal-proprjetà;*

6. *Illi t-talba għal dikjarazzjoni li l-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni msemmija fir-rikors promotur huma nulli u bla effett skont it-tagħlim Ruman* "quod nullum est nullum producit" *ma tistax tintlaqa' u dan peress illi dwar dan il-punt il-Qorti diġà pronunċjat ruħha fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Philip Grech pro et noe et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali"*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Novembru 2009 liema punt ġie konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2010 u għaldaqstant f'dan ir-rigward hemm deċiżjoni illi llum tikkostitwixxi* res judicata*. F'dan ir-rigward il-Qorti kienet iddikjarat illi għalkemm l-ordni ta' rekwiżizzjoni hija nulla u bla effett, kienet iddikjarat ukoll illi r-relazzjoni bejn l-inkwilini u r-rikorrenti hija regolata bir-relazzjoni ta' lokazzjoni eżistenti bejniethom.*

7. *Illi l-fond in kwistjoni huwa okkupat fuq bażi legali u għal għan leġittimu u soċjali fl-interess pubbliku;*

8. *Illi dak li ġara fil-każ odjern huwa li l-Istat tramite il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni b'dana però li baqgħu impreġudikati d-drittijiet tas-sidien qua proprjetarji tal-fondi;*

9. *Illi l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa fl-apprezzament ta' ħtiġijiet soċjali tal-pajjiż u fl-għażla tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali, speċjalment f'każijiet fejn dawk il-miżuri huma tali li jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà u mhux li jċaħħdu lis-sid mill-proprjetà;*

10. *Illi tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli. Kif spjegat fis-suespost l-esponent jisħaq li fil-każ odjern hemm bażi raġonevoli li tiġġustifika l-promulgazzjoni tal-leġislazzjoni li tinsab taħt skrutinju fil-kawża odjerna;*

11. *Illi jingħad ukoll illi l-Qorti m'għandiex il-funzjoni leġislattiva li tiffissa l-kera iżda dik li twettaq il-liġi li tirregola l-kera;*

12. *Illi l-Qorti Ewropea stess fil-ġurisprudenza tagħha fosthom fil-każ ta'* ***Amato Gauci vs Malta*** *(fn. 2 App Nru 47045/06 deċiż 15/09/2009) rrikonoxxiet li* "State control over levels of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable." *Għalhekk anke jekk fil-każ odjern jirriżulta li l-kera dovuta lir-rikorrenti hija inferjuri għall-valur lokatizju fis-suq, dan it-tnaqqis huwa kontro-bilanċjat bil-marġini wiesgħa tal-Istat li jilleġisla fil-kuntest ta' miżuri soċjali;*

13. *Illi jsegwi għalhekk, fl-umli fehma tal-esponent, li fil-każ odjern din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tevalwa din il-liġi fil-kuntest prinċipalment ta' spekulazzjoni tal-proprjetà imma għandha tiskrutinja u tapplika l-liġi fil-qafas aktar wiesgħa u ċioé l-aspett tal-proporzjonalità fid-dawl tar-realtà ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali;*

14. *Ulterjorment jiġi rilevat illi fi kwalunkwe każ l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt. Inoltre, fil-każ odjern mill-aspett tal-proporzjonalità l-liġi għandha tiġi applikata f'sens wiesgħa u ċioé fid-dawl tar-realtà ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali u mhux sempliċiment a bażi ta' konsiderazzjonijiet ta' spekulazzjoni tal-proprjetà in kwistjoni;*

15. *Illi bid-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-2009, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti ġiet miljorata u għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom bid-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi;*

16. *Illi fir-rigward tal-allegazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti hemm ksur ukoll tal-artikoli 41 u 42 tal-Kostiuzzjoni ta' Malta u l-artikoli 10 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fundamentali, l-esponent jeċepixxi illi dak li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma jiffigura mkien fil-parametri ta' dawn l-artikoli tal-liġi;*

17. *Illi bil-fatt illi l-Kap. 69 qiegħed jirregola l-kirja mertu tal-każ odjern, ma teżisti ebda ċaħda tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni tar-rikorrenti u lanqas ma hemm ċaħda tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn;*

18. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jiġi kontestat, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, dikjarazzjoni ta' ksur hija suffiċjenti u ma hemmx lok għal rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti.*

19. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju jekk però din l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha takkorda kumpens, l-esponent jeċepixxi illi l-Qorti għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-ammont ta' kumpens li r-rikorrenti jew il-predeċessuri tagħhom ingħataw fil-kawża* ***Philip Grech pro et noe et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali"****, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2010, senjatament is-somma ta' €60,000, liema kumpens skont l-istess sentenza ingħata għat-teħħid tal-pussess tal-fond mertu tal-każ odjern permezz tal-ordni ta' rekwiżizzjoni ukoll mertu tal-każ odjern;*

20. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".*

4. Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimat **il-Partit Laburista**, ippreżentata fil-11 ta' Frar, 2020, fejn qal dan li ġej:

*"Jeċċepixxi bir-rispett, u Randolph Debattista (K.I. Nru. 213187M) għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Laburista bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

1. *Illi l-esponent Partit Laburista jopponi għat-talbiet kollha attriċi stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
2. *Illi in via preliminari, il-Partit Laburista ma huwiex leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni tar-rikorrenti stante li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni RO23691 li l-validità tagħha qiegħda tiġi kkontestata ma ingħatatx mill-intimat Partit Laburista, u li għalhekk l-esponent lanqas ma jista' jinstab responsabbli u kkundannat iħallas danni konsegwenzjali mitluba mir-rikorrenti b'assoċjazjoni mal-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali;*
3. *Illi konsegwentement, il-kumpens mitlub fit-tieni talba tar-rikorrenti abbażi tal-istess Ordni ta' Rekwiżizzjoni lanqas ma jista' b'xi mod jiġi addebitat lill-Partit Laburista għar-raġuni suesposta;*
4. *Illi r-relazzjoni lokatizja fis-seħħ dejjem eżistiet ai termini tal-Liġijiet* in vigore *tul is-snin, kif inhi wkoll preżentement, u li għalhekk, anki b'ammissjoni tal-istess rikorrenti, il-Partit Laburista għandu titolu validu fil-liġi liema titolu diġà ġie kkonfermat f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati ta' Malta f'azzjonijiet li r-rikorenti intavolaw kontra l-Partit Laburista fl-aħħar snin;*
5. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jirrileva li skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u ħtiġijiet soċjali;*

6. *Illi l-Partit Laburista ma huwiex qiegħed iċaħħad lir-rikorrenti mill-eżerċitar ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħhom u wisq anqas qiegħed* inter alia, *b'xi mod iġiegħel lir-rikorrenti jassoċjaw ruħhom miegħu jew jimponi xi għażla ta' assoċjazzjoni fuqhom billi bla dubju dejjem kienu u għadhom fil-libertà illi jissieħbu ma' partit jew assoċjazzjoni li jidhrilhom huma mingħajr xkiel;*
7. *Illi hekk ukoll hija infondata l-asserzjoni tar-rikorrenti li bit-titolu validu li għandu l-Partit Laburista qiegħed jiġi ffinanzjat jew sostnut mir-rikorrenti;*
8. *Illi għandu jirriżulta li l-Partit Laburista dejjem aġixxa skont il-liġijiet viġenti tal-pajjiż u r-rikorrenti ma għandhom ebda bażi sabiex jesiġu dikjarazzjonijiet mhux l-inqas ta' natura kostituzzjonali fil-konfront tal-partit esponent;*
9. *Illi* dato ma non concesso *li jirriżulta lil din l-Onorabbli Qorti li seħħ xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti jew li l-effetti tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni huma nulli, il-Partit Laburista ma għandux jinżamm responsabbli għall-presunti nuqqasijiet tal-Istat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, il-Partit Laburista umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li filwaqt li tillibera lill-partit esponent mill-osservanza tal-ġudizzju in via preliminari, tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors promotur fl-intier tagħhom billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti".*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2020, ġie maħtur i**l-Perit Mario Axisa** bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju, li ppreżenta r-rapport tiegħu fil-4 ta' Ġunju, 2021, u ħalfu fl-24 ta' Settembru, 2021.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2022, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentatati rispettivament mill-intimata l-Awtorità tad-Djar, mill-intimat Avukat tal-Istat u mir-rikorrenti.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

5. Ir-rikorrenti jissottomettu li huma l-proprjetarji tal-fond numru 362, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'], liema fond kien ġie soġġett għal Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru R023691 maħruġa mis-Segretarju tad-Djar, illum id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur intimat'], taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 125. Jgħidu li l-fond dam sena mingħajr ma jintuża, u sussegwentement ġie allokat mill-imsemmi Direttur intimat lill-intimat Partit Laburista sabiex jintuża bħala klabb politiku versu kumpens stabbilit unilateralment mill-istess Direttur intimat, liema kumpens sussegwentement ġie awmentat għal Lm164, ekwivalenti għal €382 fis-sena mill-Bord li Jirregola l-Kera wara talba tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti jikkontendu li l-poter tad-Direttur intimat huwa limitat permezz tal-artikolu 3 tal-Kap. 125, iżda fil-każ odjern huwa ċar u manifest li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ma nħarġitx minnu għal skop ta' akkomodazzjoni soċjali u wisq inqas għaliex kien xieraq jew meħtieġ fl-interess pubbliku, għaliex l-allokazzjoni ta' fond favur fergħa ta' partit politiku ma jikkostitwixix interess pubbliku, iżda huwa biss fl-interess tal-istess partit politiku, li b'kumbinazzjoni kien fil-Gvern meta saret l-ordni in kwistjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li għalhekk it-teħid kien wieħed *ultra vires* u b'abbuż tal-poteri mogħtija lid-Direttur intimat, u huma min-naħa tagħhom għadhom jirċievu l-istess kumpens irriżorju u nominali għat-teħid tal-pussess tal-proprjeta' tagħhom. Jgħidu li dan huwa bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni'] stante li r-rekwiżizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku, u huma mhumiex qed jingħataw kumpens xieraq u adegwat. Jikkontendu li dan il-ksur huwa ta' natura kontinwa u jgħaddu sabiex jiċċitaw dak li ddeċidiet il-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni

Kostituzzjonali tagħha fis-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2009, Rikors nru. 60/2006, fl-ismijiet **Philip Grech pro et noe et *vs.* Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et.** Jirrilevaw li fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2010, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti, filwaqt li biddlet l-ammont ta' kumpens pagabbli. Jgħidu li għalhekk huwa stabbilit mill-Qrati li t-teħid tal-proprjetà kien wieħed *ultra vires* u sar b'abbuz tal-poteri mogħtija lid-Direttur intimat. Madankollu minn dak iż-żmien 'il hawn, jiġifieri mis-7 ta' Diċembru, 2010, għat-teħid tal-fond huma baqgħu jirċievu l-istess kumpens irriżorju u nominali ta' Lm164, ekwivalenti għal €382 fis-sena, u dan bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni stante li r-rekwiżizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku u l-kumpens mhux wieħed xieraq u adegwat, liema ksur jikkontendu li huwa wieħed kontinwat. Jissottomettu li l-leżjoni hija aggravata bil-fatt li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet ġiet iddikjarata nulla, iżda huma xorta waħda baqgħu jbatu mill-effetti tagħha. Ir-rikorrenti jkomplu jargumentaw li għalkemm daħlu fis-seħħ liġijiet ġodda sabiex itaffu d-diskriminazzjoni u l-inġustizzji li l-liġi speċjali tal-kera kienet toħloq fil-konfront tas-sidien ta' proprjetà, din il-liġi ma tolqotx il-kera tal-fond in kwistjoni, u x'aktarx il-kirja ser tkompli tintiret. Għalhekk il-liġi ma kienet tatihom l-ebda speranza reali li huma qatt ser jiksbu jew il-pussess effettiv jew redditu reali mill-fond tul ħajjithom. Jirrilevaw li kemm huma, iżda anki l-awturi tad-drittijiet tagħhom, qatt ma kienu taw il-kunsens ħieles tagħhom sabiex il-fond jinkera kif jingħad, iżda huma ġew sfurzati jagħmlu dan minħabba l-liġi ta' rekwiżizzjoni viġenti fiż-żmien li ħarġet l-Ordni ta' Rekwizizzjoni, u l-liġijiet speċjali tal-kera. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat Partit Laburista għandu mezzi sostanzjali u m'hemmx raġuni valida sabiex jingħata xi protezzjoni speċjali. Jirrilevaw li l-kirja qegħda tiġġedded minn skadenza għal oħra, u huma m'għandhom l-ebda dritt jirrifjutaw li jġedduha. Għalhekk huma qegħdin jiġu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom

mingħajr kumpens xieraq, stante li l-kera li titħallas ma tistax titqies li b'xi mod hija qrib il-valur lokatizju reali tal-fond. Jikkontendu li l-privazzjoni tal-proprjetà tikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' proprjetà kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u anki mill-Konvenzjoni. Jinsistu li l-privazzjoni hija iżjed serja għaliex teżisti diskriminazzjoni bejn sidien oħra ta' fondi oħrajn li mhumiex każini politiċi, u li għandhom rimedji oħrajn skont il-liġi u li mhumiex applikabbli għar-rikorrenti. Għalhekk qed jinkisru fil-konfront tagħhom l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-Artikolu 14 ta' din tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti jgħidu li huma fil-fatt qegħdin jiġu mġegħla jissussidjaw, jgħinu u jsostnu finanzjarjament partit politiku, filwaqt li qed jiġi miżmum u mċaħħad minnhom id-dritt li jirrifjutaw li jagħmlu dan, u li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet sanċiti bl-artikolu 41 u bl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, u bl-Artikolu 10 u bl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, tiddikjara li l-aġir tad-Direttur intimat u l-ammont ta' kumpens mogħti lilhom kien u għadu leżiv tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħhom kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, filwaqt li hemm ksur tal-artikolu 41 u l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni għall-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni u l-ħarsien tal-libertà tal-assoċjazzjoni rispettivament, u tal-Artikolu 10 u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, sabiex tagħtihom kull rimedju li jidhrilha xieraq anki billi: (a) tiddikjara li l-effetti kollha tal-imsemmija Ordni ta' Rekwiżizzjoni RO23691 huma nulli u bla effett skont it-tagħlim Ruman *quod nullum est nullum producit,* u li tali nullità tolqot ukoll ir-relazzjoni ta' lokazzjoni imposta fuq il-partijiet; (b) tagħti kumpens xieraq u adegwat għat-teħid tal-pussess tal-fond, meħud in konsiderazzjoni d-data tal-aħħar stabbiliment ġudizzjarju għal kumpens; u (ċ) kwalunkwe rimedju ieħor li jidhrilha xieraq li għandha tagħti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tenut kont taż-

żmien twil li huma ilhom jiġu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom, u l-fatt li huma m'għandhomx speranza reali li qatt ser jiksbu l-pussess effettiv jew redditu reali ill-fond tul ħajjithom.

6. L-Awtorità intimata wieġbet billi preliminarjament iddikjarat li hija kienet issostitwit id-Direttur intimat, filwaqt li l-intimat Avukat Ġenerali kien ġie sostitwit permezz tal-intimat Avukat tal-Istat, dan filwaqt li eċċepiet is-segwenti: (a) l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet diġà ġiet dikjarata nulla fis-7 ta' Diċembru, 2010, u għalhekk hija m'hiex il-leġittimu kontradittur stante li mhijiex l-organu li lleġiżla l-liġi dwar il-kera li issa tikkontrolla l-fond; (b) jekk il-fond baqa' okkupat bis-saħħa tal-kirja ndikata mill-Qorti Kostituzzjonali, hija m'għandha xejn x'taqsam mal-leġiżlazzjoni dwar il-kera u għalhekk mhijiex il-leġittimu kontradittur; (ċ) ir-rikorrenti għandhom iġibu prova li huma sidien uniċi tal-fond u li m'hemm l-ebda sidien oħra li għandhom interess fih; (d) skont ir-rikors tar-rikorrenti, kien il-Bord li ffissa l-kera li kellha titħallas u għal dan ma kinitx taħti hi; (d) hemm sentenzi li jsostnu li attività politika hija essenzjali għal demokrazija f'pajjiż, u għalhekk għajnuna biex tista' ssir dik l-attività ġiet meqjusa bħala fl-interess pubbliku; (e) l-allegat ksur jittratta l-perijodu bejn is-7 ta' Diċembru, 2010, u d-data li fiha ġiet intavolata l-kawża odjerna fit-13 ta' Jannar, 2020; (f) l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet ġiet annullata bis-sentenza ċitata mir-rikorrenti, u għalhekk it-talba tagħhom f'dan ir-rigward hija *res judicata* u frivola, u dan filwaqt li ddikjarat ukoll li teżisti biss relazzjoni ta' kirja bejn il-partijiet; (ġ) is-sidien baqgħu jaċċettaw il-kera li kienet titħallas direttament mingħand l-inkwilin u għalhekk ħolqu relazzjoni ta' kiri; (g) għalhekk l-inkwilin ma setax jistrieħ aktar fuq l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni għall-protezzjoni, iżda seta' biss jistrieħ fuq il-liġi tal-kera fejn ir-rikorrenti jekk jidhrilhom li m'hemm l-ebda kirja valida, jistgħu jipproċedu għall-

iżgumbrament tiegħu; (ħ) id-drittijiet fundamentali ma jistgħux jiġu trasferiti, mixtrija jew jintirtu, u għalhekk l-eredi ta' min ikun soġġett għal leżjoni u ma ħassx li għandu jadixxi lill-Qrati għall-allegat ksur, ma jistgħux jaġixxi minfloku wara mewtu; (h) il-ħruġ ta' Ordni ta' Rekwiżizzjoni fiha nnifisha mhijiex leżiva tad-drittijiet fundamentali, iżda jkun hemm leżjoni meta l-kumpens imħallas lis-sid ma jkunx proporzjonat mar-restrizzjoni fuq id-dritt ta' proprjetà; (i) meta l-Qorti takkorda kumpens, dan ma jkunx ekwivalenti u kkunsidrat skont il-valur ta' kirja kummerċjali, u hawn wieħed kellu jżomm f'moħħu li f'ħafna pajjiżi Ewropej titħallas taxxa fuq il-proprjetà, anki jekk ma tintużax; (j) ħadd ma mpona fehmiet politiċi fuq l-ebda wieħed mis-sidien tal-fond, u huma kellhom id-dritt li jirċievu kumpens proporzjonat għar-restrizzjoni mposta fuq id-dritt ta' proprjetà; (k) ġaladarba l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġiet dikjarata nulla bis-sentenza tas-7 ta' Diċembru, 2010, hija ma kellha l-ebda setgħa fuq il-fond; u (l) ir-rikorrenti ma ttentawx jieħdu lura l-fond, iżda minflok baqgħu jaċċettaw il-kera u b'hekk irrikonoxxew lill-inkwilini fil-kirja tagħhom.

7. L-intimat Avukat tal-Istat jilqa' billi jeċċepixxi preliminarjament li (a) l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt; (b) ir-rikorrenti għandhom iressqu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond, u huma ma jistgħux jilmentaw minn perijodi qabel ma huma saru sidien tiegħu; (ċ) għalkemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jissemma fil-premessi, ma ssir l-ebda talba fir-rigward tiegħu, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tippronunċja ruħha dwaru; (d) iżda jekk l-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Kap 69 ma jistax jiġi soġġett għall-applikazzjoni tiegħu stante li dan ġie fis-seħħ qabel Marzu 1962; (e) in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, stante li m'hemm l-ebda teħid forzuż; (f) it-talba sabiex l-effetti kollha tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni jiġu dikjarati nulli u bla effett skont it-

tagħlimi Ruman *quod nullum est nullum producit,* ma tistax tintlaqa' għaliex dwar dan il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali diġà ppronunzjaw ruħhom, u għalhekk illum hemm deċiżjoni li hija *res judicata;* (ġ) il-fond huwa okkupat fuq bażi legali u skont għan leġittimu u soċjali fl-interess pubbliku; (g) dak li seħħ kien li l-Istat tramite il-Kap. 69 irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni, iżda baqgħu impreġudikati d-drittijiet tas-sidien bħala proprjetarji tal-fond; (ħ) l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa fl-apprezzament tal-ħtiġijiet soċjali tal-pajjiż u fl-għażla tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex dawn jiġu ndirizzati, partikolarment fejn l-imsemmija miżuri huma ntiżi sabiex jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà; (h) il-Qorti m'għandhiex il-funzjoni leġislattiva li tiffissa l-kera, iżda li twettaq il-liġi li tirregola l-kera; (i) jekk jirriżulta li l-kera dovuta lir-rikorrenti hija inferjuri għall-valur lokatizju tal-fond fis-suq, it-tnaqqas huwa kontro-bilanċjat bil-marġini wiesgħa tal-Istat li jilleġisla fil-kuntest ta' miżuri soċjali; (j) il-Qorti m'għandhiex tagħmel evalwazzjoni tal-liġi fil-kuntest prinċipalment ta' spekulazzjoni ta' proprjetà, iżda f'qafas aktar wiesgħa ta' proporzjonalità fid-dawl tar-realtà ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali; (k) l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma jikkonċedi l-ebda dritt li wieħed jirċievi profitt; (l) is-sitwazzjoni tar-rikorrenti tjiebet mad-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-2009, u għalhekk huma ma jistgħux jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom; (m) dak li qegħdin jilmentaw minnu r-rikorrenti li allegatament jikser l-artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 10 u 11 tal-Konvenzjoni, ma jaqax fil-parametri ta' dawn l-artikoli; (n) il-fatt li l-Kap. 69 jirregola l-kirja mertu tal-każ odjern, ma jfissirx li hemm ċaħda tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni tar-rikorrenti, u lanqas m'hemm ċaħda tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn; (o) jekk il-Qorti jidhrilha li hemm ksur, dikjarazzjoni għandha tkun suffiċjenti u m'hemmx lok għal rimedji oħra kif mitluba mir-

rikorrenti; (p) jekk il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti kumpens, hija għandha tikkunsidra l-kumpens mogħti fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grech pro et noe et *vs.* Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali** deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2010, mill-Qorti Kostituzzjonali; salv eċċezzjonijiet oħra.

8. L-intimat il-Partit Laburista eċċepixxa s-segwenti: (a) it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (b) huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur stante li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ma ngħatatx minnu, u għalhekk ma jistax jinstab responsabbli, u kkundannat iħallas danni konsegwenzjali għall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali; (ċ) il-kumpens mitlub ma jistax jiġi addebitat lilu; (d) ir-relazzjoni lokatizja dejjem kienet teżisti *ai termini* tal-liġijiet *in vigore* matul is-snin, u għalhekk huwa għandu titolu validu fil-liġi li ġie kkonfermat permezz ta' diversi deċiżjonijiet tal-Qrati; (e) safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, jirrileva li skont il-proviso ta' dan l-artikolu l-Istat għandu jedd li jippromulga dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u l-ħtiġijiet soċjali; (f) huwa mhuwiex qed iċaħħad lir-rikorrenti milli jeżerċitaw xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħhom, u wisq anqas qiegħed *inter alia* b'xi mod iġegħelhom jassoċjaw ruħhom miegħu jew jimponi xi għażla ta' assoċjazzjoni fuqhom għaliex huma dejjem baqgħu fil-libertà li jissieħbu ma' partit jew assoċjazzjoni; (ġ) għalhekk ukoll hija infondata l-asserzjoni tar-rikorrenti li permezz tat-titolu validu l-Partit Laburista qiegħed jiġi ffinanzjat jew sostnut mir-rikorrenti; (g) huwa dejjem aġixxa skont il-liġijiet viġenti tal-pajjiż, u r-rikorrenti ma setgħux jitolbu għal dikjarazzjonijiet anki dawk ta' natura kostituzzjonali fil-konfront tiegħu; (ħ) jekk jirriżulta lil din il-Qorti li seħħ xi ksur jew li l-effetti tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni huma nulli, huwa

m'għandux jinżamm responsabbli għall-preżunti nuqqasijiet tal-Istat; salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

## Provi u riżultanzi

9. Permezz ta' nota ppreżentata fis-26 ta' Mejju, 2020, l-Awtorità intimata ppreżentat affidavit ta' **Andrew Xuereb**, *Senior Officer* fis-Sezzjoni Legali tal-imsemmija Awtorità intimata. Ix-xhud spjega li fit-18 ta' April, 1967, is-Segretarju tad-Djar kien ħareġ Ordni ta' Rekwiżizzjoni nru. 17352[1] fuq il-fond, liema Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet ġiet notifikata lil Philip Grech bħala sid l-istess fond. Imbagħad fis-6 ta' Settembru, 1973, l-imsemmi fond ġie allokat lill-Każin tal-Malta Labour Party ta' Santa Venera, fejn il-kera kellha titħallas direttament lis-sid skont Dok. AX2[2] anness mal-affidavit tiegħu. Fl-istess data, Philip Grech ġie notifikat li l-Każin tal-Malta Labour Party ta' Santa Venera kellu jibda jħallas direttament lilu l-kera ta' Lm45 fis-sena, u dan skont Dok. AX3[3] anness ukoll mal-affidavit tiegħu, u skont kif kien jidher f'Dok. AX4[4] anness ukoll mal-affidavit, fit-13 ta' Awwissu, 1977 is-Segretarju tad-Djar kien interpella lill-imsemmi Philip Grech sabiex jirrikonoxxi lill-inkwilin. Imbagħad fid-29 ta' Jannar, 1987, is-Segretarju tad-Djar innotifika lill-Każin ta' Santa Venera tal-Partit Laburista intimat li l-kera kellha tiżdied għal Lm164 fis-sena skont id-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera, u dan skont Dok. AX5[5] anness mal-affidavit. Kif jirriżulta mill-kopja tal-irċevuta tal-kera Dok. AX6[6], il-kera tal-fond kienet bdiet tiġi aċċettata mir-rikorrenti. Fit-2 ta' Marzu, 2011, l-Avukat Claire Bonello

---

[1] Ara Dok. AX1 *a fol.* 31.
[2] *A fol.* 70.
[3] *A fol.* 33.
[4] *A fol.* 34.
[5] *A fol.* 35.
[6] *A fol.* 36.

f'isem Philip Grech ikkonfermat l-irċevuta tal-pagament ta' €65,996.71 mingħand l-Awtorità intimata, liema pagament sar a saldu skont is-sentenza tas-7 ta' Diċembru, 2010, kif muri fid-dokument anness bħala Dok. AX7.[7]

10. Permezz ta' nota ppreżentata fis-17 ta' Ġunju, 2020, ir-rikorrent **Dr. Mark Grech** ippreżenta l-affidavit tiegħu stess. Iddikjara li huwa t-tifel u l-eredi ta' Alfred Grech, wieħed mir-rikorrenti li kienu ppreżentaw il-proċeduri permezz ta' Rikors nru. 60/06 deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Philip Grech pro noe et *vs.* Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali,** u l-appell deċiż mill-Qorti Kostitizzjonali fl-istess ismijiet fis-7 ta' Diċembru, 2010. Ikkonferma li minn dakinhar iċ-ċirkostanzi baqgħu l-istess, u l-intimat Partit Laburista baqa' jokkupa l-fond. Qal li huma jħossuhom li ilhom imċaħħdin mill-proprjetà tagħhom mingħajr ma ngħataw kumpens xieraq, u dan għaliex il-kera li qegħda tiġi ddepożitata fil-Qorti għaliex huma m'humiex qegħdin jaċċettawha, tammonta għal €57.90 fix-xahar jew €694.79 fis-sena, u dan għal dar kbira fi triq prinċipali li tista' tintuża għal skopijiet kummerċjali. Ix-xhud hawn għamel riferiment għaċ-ċedola tad-depożitu li kopja tagħha hija annessa mal-affidavit tiegħu.[8] Sostna li l-fatt li huma qed jiġu mġegħla jagħtu l-fond għal skopijiet ta' partit politiku, jmur kontra d-dritt tagħhom ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni, għaliex huma kostretti li jipprovdu finanzjarjament lill-intimat Partit Laburista permezz tal-provvista tal-fond, saħansitra iktar minn miżata li titħallas mill-membri tal-istess intimat Partit Laburista. Dan meta mhux neċessarjament huma jħaddnu l-ideat tiegħu. Iddikjara li huma miżmuma milli jagħmlu użu mill-fond għal finijiet privati tagħhom jew li jiddisponu minnu lil xi assoċjazzjoni jew għal xi interess

[7] *A fol.* 37.
[8] *A fol.* 45.

ieħor u minflok qegħdin jiġu mġegħla jipprovdi dar bħal dik lill-intimat Partit Laburista li hija nġustizzja kontinwa.

11. Permezz ta' nota ppreżentata fis-26 ta' Awwissu, 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja legali tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26 ta' Novembru, 2006, fejn iddeċidiet ir-Rikors Kostituzzjonali nru 60/2006, u anki kopja legali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru, 2010, li ddeċidiet l-appell intavolat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali).

12. Waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw nota flimkien mal-affidavits rispettivi tar-rikorrenti Philip Grech, Moira Portelli, Lisa Grech, Vanessa Grech Rapa u Dr. Mark Grech.[9] Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Philip Grech** iddikjara li huwa iben il-mejjet Dr. Alfred Grech, li għex u trabba fid-dar residenzjali tal-familja tiegħu, li huwa proprju l-fond in kwistjoni. Irrileva li għalkemm dak iż-żmien huwa kien għadu żgħir, illum għandu memorji ċari u sbieħ tassew tal-festi li kienu jagħmlu għal okkażjonijiet speċjali, u anki meta kienu jilgħabu u jistaħbew. Qal li d-dar kienet ġiet mibdula b'mod drastiku mill-okkupanti, u saħansitra tneħħa ħajt sabiex il-kmamar inbidlu f'sala. Spjega kif meta mietet in-nanna tiegħu, in-nannu kien mar jagħmel xi żmien jgħix għal ftit sakemm jieħu r-ruħ ma' wieħed miz-zijiet ġewwa Tas-Sliema, iżda darba minnhom, meta mar lura sab li ma setax jidħol fil-fond għaliex is-serraturi kienu nbiddlu. Sussegwentement sar jaf li dan kien għadda għand l-intimat Partit Laburista sabiex inbidel f'każin politiku, u dan filwaqt li l-mobbli kollha u l-ħwejjeġ personali tiegħu u ta' martu kienu tneħħew u tpoġġew f'xi maħzen. B'hekk wara li kien ħadem għomru kollu, nannuh kien spiċċa bla saqaf fuq rasu.

[9] Dok. A sa Dok. E *a fol.* 113 *et seq.*

Esprima l-feħma li huwa kontra li partit politiku jew kwalunkwe terza persuna ikollhom xi dritt jokkupaw jew igawdu xi dritt fuq il-fond, liema sitwazzjoni qal tmur kontra kwalunkwe drittijiet fundamentali tat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu u tal-familja tiegħu. Qal li l-inġustizzja issa qegħdin isofruha t-tielet ġenerazzjoni tal-familja tiegħu, u jispera li uliedu ma jkomplux bl-istess saga tul ħajjithom. Ir-rikorrenti **Maria Assunta magħrufa bħala Moira Portelli** permezz tal-affidavit tagħha, xehdet li ommha Josephine kienet tiġi bint Philip u Carmela konjuġi Grech, u li kienet il-kbira fost sitt aħwa oħra Alfred, Anthony, Philip, Tano u Frank. Philip u Carmela Grech kienu sidien il-fond in kwistjoni u kienu n-nanniet tagħha. Qalet li hija kellha ħafna memorji sbieħ ta' tfulitha fid-dar tan-nanniet tagħha meta kienet iżżurhom ta' spiss u anki torqod hemm. Qalet li saħansitra r-riċeviment tal-għerusija tagħha kien sar hemm. Ir-rikorrenti qalet li hija setgħet tiftakar li l-Gvern ried dak iż-żmien jirrekwiżizzjona l-fond sabiex tgħaddi triq, u saħansitra tiftakar ukoll is-sinjali ħomor fuq il-bejt. Spjegat li d-dar kienet imqassma differenti minn kif inhi illum, fejn kien hemm ukoll żewġ kmamar tal-ikel, waħda minnhom għall-okkażjonijiet speċjali minħabba li n-nanna tagħha kienet tħobb tistieden. Iżda llum il-ħitan diviżorji twaqqgħu sabiex hemm sala kbira, u inqalgħu l-kewba u l-irħam kollu, tant li d-dar tinstab f'stat li tgħid li huwa tal-biki. Tiftakar liz-ziju tagħha Philip igħid li l-Partit Laburista kien daħal jokkupa l-fond mingħajr il-permess tan-nanniet, li dak iż-żmien kienu marru joqgħodu Tas-Sliema minħabba raġunijiet ta' saħħa, u dan minkejja li kellhom każin ieħor iktar 'il fuq. Iz-ziju tagħha kien sar jaf ukoll li l-għamara kollha tneħħiet minn ġod-dar u tefgħuha ġo xi maħżen ġewwa Beltissebh, u huma sallum ma jafux x'kien ġara minnha. Iz-ziju tagħha Philip kien fetaħ proċeduri f'isem il-familja tagħhom, iżda l-ġlieda legali kienet ma spiċċatx sallum, filwaqt li kienu mietu hu u anki ħutu, għajr Frank l-iżgħar wieħed li jgħix l-Awstralja. Il-kawżi llum kienu komplewhom hi u l-kuġini tagħha.

Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti ddikjarat li ma kinitx taqbel li hija għandha tissussidja, tiffinanzja jew tiġi mġegħla tappoġġja b'dan il-mod kwalunkwe partit jew twemmin politiku. Ir-rikorrenti **Lisa Grech**, fl-affidavit tagħha stqarret li hija bint Philip Grech, li huwa wieħed minn ulied Philip u Carmela Grech, li kienu proprjetarji tal-fond. Spjegat kif l-imsemmi fond kien ġie rekwiżizzjonat fis-snin sittin, u sussegwentement mikri lill-intimat Partit Laburista. Qalet li missierha li miet fl-2017, kien għex ħajtu hemm sakemm kiber, u kien tħabat tul ħajtu sabiex il-fond jingħata lura lill-familja tiegħu għat-tgawdija tagħhom wara li ttieħed mingħandhom mingħajr l-ebda kumpens. Imma kien miet tliet snin qabel, mingħajr ma ra l-ħolma tiegħu ssir realtà. Ir-rikorrenti sostniet li t-teħid tal-fond imur kontra d-dritt tagħha tal-libertà ta' espressjoni u assoċjazzjoni, u hija kienet qegħda tiġi mġegħla tiffinanzja u tissussidja partit politiku mingħajr il-kunsens tagħha, kif kienet ġiet imġegħla wkoll l-familja tagħha, u dan filwaqt li l-fond tħalla fi stat ta' telqa u traskuraġni. Spjegat li hija mara mhux miżżewġa b'żewġt itfal u l-flus tagħha kienet tippreferi li tonfoqhom fuqhom milli fuq każin politiku. Ir-rikorrenti **Vanessa Rapa Grech**, xehdet fl-affidavit tagħha li hija bint Gaetano Grech, li kien it-tifel ta' Philip Grech, sid il-fond rekwiżizzjonat. Setgħet tiftakar li l-fond kellu ntrata l-ġmiel tagħha, b'kolonni fuq kull naħa, u taraġ tal-irħam hekk kif tidħol minn barra. Qalet li oriġinarjament l-fond kien ġie rekwiżizzjonat sabiex tgħaddi triq, iżda dan qatt ma seħħ, u minflok il-fond ingħata lill-intimat Partit Laburista. Ir-rikorrenti żiedet tgħid li l-familja tagħha fetħu diversi kawżi sabiex jiżgombraw lill-Partit Laburista, iżda mingħajr suċċess. Min-naħa tagħha tgħid li hija tħoss li d-drittijiet tagħha ġew ikkalpestati għaliex hija ġiet imġegħla tassoċja ruħha ma' partit politiku. Ir-rikorrent **Dr. Mark Grech** xehed permezz ta' affidavit ukoll. Beda billi spjega li huwa l-ewwel wild ta' Dr. Alfred Grech, li kien għex u trabba fil-fond flimkien ma' ħutu u l-ġenituri tiegħu Philip u Carmen Grech. Qal li l-

fond kien jiftakru sew, u dan kien ikun mimli ħbieb u familjari, speċjalment f'okkażjonijiet speċjali u l-festi, fejn kien ikun hemm mejda tal-ikel twila u kulħadd jiekol flimkien. Nhar ta' Ħadd kulħadd kien jiltaqa' hemm, u n-nannu tiegħu dejjem kien joffri d-*drinks,* filwaqt li n-nanna ssajjar u sservi l-ikel. Qal li wieħed seta' jobsor x'niket ħass meta dan l-aħħar huwa kien mar fil-fond u ra l-istraġi li l-okkupanti kienu għamlu, fosthom fejn neħħew il-ħajt diviżorju bejn l-intrata u l-kamra tal-ikel. Ir-rikorrent spjega li huwa kien għamel xi żmien jgħix fil-fond, sakemm tlestiet id-dar tal-ġenituri tiegħu ġewwa l-Imsida, u meta kien għamel l-ewwel tqarbina huma kienu għadhom jgħixu hemm. Meta fl-aħħar ta' xjuħitha n-nanna tiegħu mardet u spiċċat l-Isptar, in-nannu tiegħu ma setax ileħħaq waħdu, u għalhekk kien mar joqgħod maz-ziju tal-istess rikorrenti, Tano ġewwa Tas-Sliema. Qal li n-nannu tiegħu u wkoll il-familja tiegħu, qatt ma setgħu jemmnu meta sabu s-serraturi tal-fond mibdula, u l-Parit Laburista ntimat tefa'il-mobbli u l-oġġetti personali 'l barra. Nannuh saħansitra qatt ma reġa' mar lura biex jgħix fil-fond. Ir-rikorrent spjega kif il-familja tiegħu ilha l-Qorti minn dak iż-żmien, u dak li ġara kien baqa' bħal dell fuqhom. Iddikjara li huwa ma setax jaċċetta li kellu jagħti sostenn b'dan il-mod lil kwalunkwe partit politiku, u dan kontra kull dritt fundamentali tiegħu, u stqarr li huwa ma xtaqx jagħmel parti minn din il-mentalità ta' tribali li taħkem il-pajjiż, minflok li jingħata dritt sabiex jagħżel dak li jemmen fih. Fl-aħħarnett żied jgħid li dawn iċ-ċirkostanzi ilhom jissussistu għal tliet ġenerazzjonijiet, u ma xtaqx li dawn ikunu ta' toqol fuq uliedhom ukoll.

13. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2021, xehdet **Catherine Fenech** in rappreżentanza tal-intimat Parit Laburista, kif prodott mir-rikorrenti. Ikkonfermat li hija tokkupa l-kariga ta' Segretarja tal-Eżekuttiv Nazzjonali. Spjegat li l-miżata bħala membru tal-intimat Partit Laburista kienet ta' €8.00 fis-

sena, iżda kien hemm ukoll skema fejn wieħed seta' iħallas għal tliet snin b'tnaqqis fil-miżata. Qalet li l-każini lokali huma l-*"grass roots"* tal-intimat Partit Laburista, jiġifieri fejn isir l-iktar xogħol ta' ħidma politika mill-kumitati lokali, u dawn kienu jwieġbu lilhom. Spjegat li kien hemm Kummissjoni tal-Proprjetà li prattikament nofsha kienet komposta minn membri tal-Amministrazzjoni, u din il-Kummissjoni kellha l-inkarigu li tamministra l-proprjetajiet. Kompliet tispjega li f'kull kumitat lokali jkun hemm kaxxier li jipprepara l-*financial statements* tal-każin u jgħaddihom lill-intimat Partit Laburista kull sena meta ssir il-laqgħa ġenerali annwali. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-*accounts* tas-sena 2019, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. CF1.[10] Ix-xhud iddikjarat li l-attività kummerċjali tal-Kumitat kien il-bottegin, li jitmexxa mill-persuna li tingħata t-*tender* għat-tmexxija tiegħu.

14. Permezz ta' nota ppreżentata fl-1 ta' Lulju, 2021, l-intimat Partit Laburista ppreżenta s-segwenti dokumenti: (1) kopja tal-Formola tas-Sħubija u r-rati ta' Sħubija; (2) lista tal-Membri tal-Kummissjoni Proprjetà; (3) kopja tal-ftehim lokatizju bejn l-intimat Partit Laburista mal-barman tal-bottegin; (4) spjegazzjoni ta' xi skonti jew x'maħfriet mill-ħlasijiet li ngħataw waqt il-pandemija tal-COVID 19, fil-forma ta' *email* mibgħuta mill-President tal-intimat Partit Laburista; u (5) kopja tal-*accounts* annwali tal-każin ta' Santa Venera għas-snin 2010 sal-2020.

15. **Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju Mario Axisa** ppreżenta r-rapport tiegħu fl-4 ta' Ġunju, 2021, u ħalfu waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2021. Fl-imsemmi rapport, il-Perit Axisa spjega li huwa kien għamel aċċess fil-fond nhar il-11 ta' Novembru, 2020, għall-fini tal-qadi tal-inkarigu tiegħu. Wara li nnota li l-fond

---

[10] *A fol.* 141.

jintuża bħala każin tal-intimat Partit Laburista, huwa għadda sabiex ta deskrizzjoni tal-akkwati, u spjega r-regolamentazzjoni rilevanti. Filwaqt li għamel riferiment għall-Pjan Lokali taċ-Ċentru ta' Malta u għal Policy CG14 fejn hemm indikat l-użi meqjusa bħala aċċettabbli fiż-żona partikolari fejn jinstab il-fond, il-Perit Tekniku Ġudizzjarju osserva li fl-elenku ta' dawk l-użi m'hemmx imniżżel każini tal-banda jew soċjali, u hawn spjega li dawn huma normalment aċċettati fil-*Town* jew *Local Centres* kif regolati b'*policies CG12 u CG13* rispettivament. Qal li peress li l-fond jinstab ukoll f'waħda mill-eqdem partijiet tal-lokalità, dan jaqa' fil-konfini taż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana, li hija regolata wkoll permezz ta' *Policy CG09,* li tistabbilixxi miżuri biex binjiet li jinsabu hemm jiġu protetti, ppreservati u riġenerati. Osserva li hawn tista' tkun rilevanti fir-rigward tal-faċċata tal-proprjetà li tikkomplimenta l-faċċata tal-proprjetà adjacenti, fejn l-Awtorità tal-Ippjanar tinsisti li faċċati bħal dawn għandhom jiġu ppreservati flimkien. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarji osserva wkoll li skont il-Pjan Lokali, l-għoli massimu permessibbli fiż-żona huwa limitat għal tliet sulari mingħajr *semi-basement,* iżda għandu jingħata konsiderazzjoni tal-għoli predominanti fl-inħawi, u għalhekk iddeskriva l-għoli tal-proprjetajiet adjaċenti. Iddeskriva Triq il-Kbira San Ġusepp bħala waħda prinċipali, pjuttost traffikuża, u li hija fi stat relattivament tajjeb kif inhuma t-toroq tal-akkwati, iżda l-postijiet għall-parkeġġ huma limitati. Minn hawn il-Perit Tekniku Ġudizzjarju għadda sabiex jagħti deskrizzjoni tal-ambjenti nterni tal-fond, u stqarr li l-qies tal-art li fuqha nbena l-fond huwa ta' 298 m.k., u li oriġinarjament inbena fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Ta spjegazzjoni tal-istruttura tiegħu u enfasizza l-importanza ta' attenzjoni urġenti għall-ħajt tal-ġnien, filwaqt li spjega wkoll kif il-fond hu moqdi bis-servizzi. Dwar il-finituri jgħid li għalkemm huma qodma, dawn jinsabu fi stat relattivament tajjeb, u hawn ukoll għadda sabiex jagħti d-deskrizzjoni relattiva tagħhom. Stqarr li l-kundizzjoni ġenerali tal-fond hija

waħda tajba, bi bżonn ta' manutenzjoni f'xi partijiet minnu, u jgħaddi sabiex jispjega fejn din hija neċessarja. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju rrileva li hu seta' jsib biss applikazzjoni waħda mal-Awtorità tal-Ippjanar, dik sabiex tinbidel il-gallarija tradizzjonali tal-injam b'waħda tal-istess disinn, u liema applikazzjoni ġiet approvata. Żied jgħid li ma rriżulta l-ebda Avviż ta' Infurzar. Il-binja nnifisha qal li din tidher li tikkonforma ġeneralment mar-regolamenti tal-bini u anki dawk sanitarji, għajr għat-tabella mal-faċċata, u d-W.C tal-pjan terren li m'għandu l-ebda ventilazzjoni. Għajr li skont kif ġie nfurmat waqt l-aċċess li l-fond adjaċenti huwa ko-proprjetarju tal-bir fil-ġnien, ma seta' josserva u ma ġie nfurmat bl-ebda servitù jew dritt favur jew a karigu tal-fond in kwistjoni fil-konfront ta' proprjetajiet oħra adjaċenti. Wara li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju kkunsidra l-potenzjal tal-fond u peress li dan ilu jintuża bħala każin għal numru ta' snin, sabiex b'hekk mhuwiex normali li l-Awtorità tal-Ippjanar toġġezzjona li jinżamm l-istess użu, huwa għadda sabiex ikkunsidra l-possibiltà li l-fond jiġi modifikat ukoll permezz ta' sulari addizzjonali u permezz ta' tħaffir. Minn hawn huwa għadda sabiex iddikjara li meħud in konsiderazzjoni dan kollu, u applikat il-metodu komparattiv ta' valutazzjoni, huwa jistma l-valur preżenti tal-fond fis-suq miftuħ u fi stat vakanti għal madwar €690,000, u permezz ta' Tabella A indika l-valuri lokatizji tiegħu mis-sena 2010 sas-sena 2021, wara li skont huwa rrikorra għall-*'Property Prices Index (based on Advertised Prices)* tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju wieġeb għad-domandi in eskussjoni magħmula mill-intimat Avukat tal-Istat permezz ta' nota ppreżentata fid-9 ta' Marzu, 2022. Spjega li huwa kien applika l-metodu komparattiv ta' valutazzjoni sabiex wasal għall-valur tal-fond, u qal li l-indiċi maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta u mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ma kienux jintużaw sabiex wieħed jistabbilixxi l-valur ta' proprjetà, iżda dawn jirriflettu l-varjazzjoni tal-valur matul iż-żmien. Stqarr li huwa ma kienx għamel

użu mill-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fil-Kap. 158, għaliex dan jirrifletti r-rata ta' inflazzjoni ġenerali, iżda minflok huwa għamel użu mill-indiċi ppubblikat mill-Bank Ċentrali li japplika għar-rata ta' inflazzjoni fil-valur tal-proprjetà. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju fisser x'inhu l-metodu komparattiv applikat minnu u ddikjara li l-valur indikat minnu jirrappreżenta biss l-immobbli. Għal dak li jirrigwarda l-każ in eżami, wieġeb li huwa ma kienx ra xi kuntratti ta' postijiet oħrajn li nbiegħu fl-inħawi, iżda spjega li huwa kien iltaqa' ma' diversi kuntratti matul iż-żmien li kien ilu jeżerċita l-professjoni tiegħu. Iċċara li huwa kien għamel użu mill-*'Property Prices Index based on Advertised Prices'* mhux biex jasal għall-valur lokatizju, iżda biex josserva kif dan ivarja maż-żmien. Spjega li fl-eżerċizzju komparattiv tiegħu huwa kien għamel riferiment għal kirjiet oħra ta' diversi *townhouses* u *terraced houses* f'Santa Venera, fejn dawn kienu jvarjaw bejn €750 u €2,000 u fuqhom fix-xahar minħabba d-diversi karatteristiċi tagħhom bħal lokazzjoni, il-qies, il-potenzjal, is-servizzi mstallati u finituri, u l-kondizzjoni ġenerali tagħhom, kollox kif ġie kkunsidrat minnu fir-rapport tiegħu. Qal li huwa ma kienx tkellem ma' aġenziji tal-proprjetà nvoluti fil-bejgħ u fil-kiri tal-proprjetà f'Santa Venera, iżda huwa kien għamel riferiment għall-*websites* u għar-reklami tagħhom, kif ukoll għal informazzjoni oħra li huwa kien ġabar matul iż-żmien li ilu jagħmel dan ix-xogħol. Spjega li stima hija opinjoni nformata u professjonali msejsa fuq diversi fatturi li jaffettwaw il-valur tal-proprjetà kif intqal qabel.

16. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw *screenshots* mill-paġna ta' *Facebook* tal-Każin Laburista ta' Santa Venera fir-rigward tal-attivitajiet li jseħħu hemmhekk.[11] Huma ppreżentaw ukoll riċerki fir-

[11] *A fol.* 205.

Reġistru Pubbliku ta' Filippo Grech, Carmela Grech/Pisani.[12] Waqt l-istess udjenza, xehed **Martin Pace**, Segretarju taċ-Ċentru Laburista ta' Santa Venera, prodott mir-rikorrenti. Ix-xhud spjega dawk l-attivitajiet politiċi li nżammu fil-każin f'dawk l-aħħar seba' snin. Qal li meta ssir attività u jinġabru l-fondi, huma jgħadduhom liċ-Ċentru Nazzjonali Laburista.

17. Permezz ta' nota ppreżentata fit-18 ta' Frar, 2022, l-intimat Partit Laburista esebixxa affidavit ta' **Martin Pace**[13], u kopji ta' ċedoli ta' depożitu li saru bejn is-sena 2014 sas-sena 2022.[14] Fl-affidavit tiegħu, Martin Pace xehed li bħala Segretarju tal-Każin tal-Partit Laburista ta' Santa Venera, huwa kien jamministra l-funzjonijiet taċ-Ċentru. Ikkonferma li l-Każin kien jinstab fil-fond in kwistjoni li kien qed jiġi mikri lilhom għal skopijiet taċ-Ċentru tal-intimat Partit Laburista. Ikkonferma li bħala inkwilini huma dejjem imxew skont il-liġi u ħallsu l-kera permezz ta' ċedoli ta' depożitu, iżda anki l-ktieb tal-kera kien juri li l-ħlas tal-kera kien isir f'waqqtu. Ix-xhud ehmeż kopja tal-imsemmi ktieb mal-affidavit tiegħu, u li ġie mmarkat Dok. A.[15] Iddikjara li matul iż-żmien kienu saru ħafna xogħlijiet fil-fond, u dan dejjem inżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u huwa hawn għamel riferiment għar-ritratti annessi mal-affidavit u mmarkati bħala Dok. B.[16] Fis-sena 1987, il-fond kien ġie vvandalizzat u dan kellu kważi jinbena mill-ġdid sabiex jiġi utilizzat, u dan billi ntefqu ħafna flus u għal dan l-iskop kienu nġabru l-fondi, u minkejja l-fatt li s-sidien kienu tenuti li jagħmlu ċertu tiswijiet strutturali. Ix-xhud esebixxa diversi ritratti mal-affidavit tiegħu sabiex juri l-ħsara li kien ġarrab il-fond.[17] Ix-xhud spjega li kienu saru diversi miljoramenti fil-fond billi kemm jista' jkun ukoll iżommu mal-istil tradizzjonali

[12] *A fol.* 209.
[13] *A fol.* 237.
[14] *A fol.* 239.
[15] *A fol.* 239.
[16] *A fol.* 251 *et seq.*
[17] *A fol.* 259 *et seq.*

tal-binja. Huwa hawn għamel riferiment għal diversi rċevuti u fatturi annessi mal-affidavit tiegħu bħala Dok. D.[18] Ix-xhud għamel riferiment għar-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju, u qal li huma diversi drabi kienu ġibdu l-attenzjoni tas-sidien dwar l-obbligi legali tagħhom fir-rigward tal-ħajt tal-ġnejna fuq wara tal-fond, li l-istruttura tiegħu ġiet affettwata minn xogħlijiet fil-proprjetajiet adjaċenti. Stqarr li bħala kumitat huma dejjem imxew bid-diliġenza u bl-osservanza assoluta lejn il-liġi u lejn id-dmirijiet tagħhom bħala inkwilini, u dan filwaqt li jkomplu jaħdmu sabiex il-fond jinżamm fi stat tajjeb u sigur.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

18. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari imressqa mill-intimati. Filwaqt li tirrileva li l-kwistjonijiet sollevati permezz tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet illum ġew sorvolati, tibda billi tikkunsidra l-kwistjoni li l-intimata Awtorità tad-Djar qegħda tressaq permezz tad-disa' eċċezzjoni tagħha, jiġifieri li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġiet dikjarata nulla fis-7 ta' Diċembru, 2010, permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Philip Grech pro et noe et *vs.* Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et**, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti kif magħmula fil-proċeduri odjerni hija *res judicata* u frivola. Tgħid li kienet proprju dik il-Qorti li rrilevat li ġaladarba l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġiet meqjusa nulla, kien hemm biss relazzjoni ta' kirja bejn il-partijiet. L-istess isostni l-intimat Avukat tal-Istat permezz tas-sitt eċċezzjoni tiegħu, li jirrileva li dan il-punt ġie deċiż fis-26 ta' Novembru, 2009, fl-imsemmija proċeduri mill-Qorti tal-ewwel istanza, jiġifieri l-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), u sussegwentement konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru, 2010. Jikkontendi li għalhekk illum hemm deċiżjoni li tikkostitwixxi *res judicata,*

[18] *A fol.* 263 *et seq.*

imma barra minn hekk jirrileva li kien ġie dikjarat ukoll li r-relazzjoni bejn l-inkwilini u r-rikorrenti issa hija regolata bir-relazzjoni ta' lokazzjoni eżistenti bejniethom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat ikompli jgħid li dak li għandha tixtarr din il-Qorti huwa jekk fiċ-ċirkostanzi dik ir-relazzjoni lokatizja inħolqitx mir-rikorrenti stess wara li ġiet annullata l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, jew jekk din il-lokazzjoni hija waħda protetta taħt il-liġijiet tal-kera, b'mod partikolari id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 u tal-Kap. 16. Iżda jikkontendi li r-rikorrenti naqsu milli jressqu d-debita prova li l-kirja hija waħda protetta mil-liġi. Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjoni tagħhom jikkontendu li r-relazzjoni lokatizja ġiet imposta fuqhom kontra r-rieda tagħhom u permezz tat-tħaddim tal-liġijiet tal-kera.

19. Il-Qorti tikkunsidra li t-talba prinċipali tar-rikorrenti hija għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħhom riżultat tal-aġir tal-intimat, li tirrileva li mhumiex qegħdin jindikaw liema huwa, riżultat tal-kumpens li huma jirċievu. Fost ir-rimedji li qegħdin jitolbu, huma jippretendu li l-Qorti tiddikjara li l-effetti kollha tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni huma nulli u bla effett skont it-tagħlim Ruman *quod nullum est nullum producit* u li n-nullità tolqot ukoll ir-relazzjoni ta' lokazzjoni mposta fuq il-partijiet. Iżda fis-sentenza deċiża fis-26 ta' Novembru, 2009, fl-ismijiet **Philip Grech pro et noe et *vs.* Direttur Akkomodazzjoni Soċjali et**, Rikors nru. 60/2006, kif ċitatata mir-rikorrenti stess u liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali għajr għall-ammont ta' kumpens li kien dovut jitħallas, kif sewwa jgħidu l-intimati, din il-Qorti diversament ippreseduta, kellha l-opportunità li tikkunsidra u li tippronunċja ruħha dwar din il-kwistjoni. Qabel xejn hija kienet irrilevat li:

> *"Illi filwaqt illi permezz tal-ewwel talba taghhom ir-rikorrenti jitolbu lil din il-Qorti illi l-ordni ta' rekwizizzjoni tigi dikjarata nulla u mingħajr effett, huma jiddikjaraw illi llum jeżisti ftehim bejnhom u l-inkwilin u għalhekk ma humiex qegħdin jitolbu u lanqas jippretendu l-iżgumbrament mill-fond a bazi tan-nullità tar-rekwizizzjoni.*
>
> *Illi apparti li dan ma jistax isir f'dan il-ġudizzju peress li l-inkwilini attwali (l-intervenuti fil-kawza odjerna) ma humiex parti f'din il-kawża, ċertament li in vista ta' tali posizzjoni legali, fejn illum jidher li hemm relazzjoni ta' lokazzjoni bejn l-istess intervenut fil-kawża u r-rikorrenti, l-Qorti neċessarjament qegħda tieħu kont ta' dan kollu u fid-dawl tal-istess filwaqt li tiddikjara li l-ordni ta' rekwizizzjoni hija nulla u bla effett, tiddikjara li llum fl-istess relazzjoni bejn l-intervenuti fil-kawża u r-rikorrenti hija regolata b'relazzjoni ta' lokazzjoni, u allura tali dikjarazzjoni tal-Qorti, ma twassalx sabiex taffettwa l-istess lokazzjoni ta' kera bejn l-istess, kif* di più *l-istess rikorrenti kkonċedew bil-verbali tagħhom fuq indikati u allura ma hemm l-ebda lok sabiex b'xi mod tiġi affettwata r-relazzjoni lokatizja bejn l-intervenuti fil-kawża u r-rikorrenti."*

20. Għalhekk il-Qorti kienet għaddiet sabiex iddikjarat nulla l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, iżda *"...b'dan però li tiddikjara għal kull effett u* buon fini *tal-liġi li llum ir-relazzjoni bejn l-intervenuti fil-kawża u r-rikorrenti hija regolata bir-relazzjoni ta' lokazzjoni eżistenti bejniethom",* filwaqt li ddikjarat li r-rikorrenti kellhom dritt għal kumpens kemm minħabba t-teħid tal-pussess tal-fond riżultat ta' dik l-Ordni, iżda wkoll minħabba konsegwenza tagħha huma kienu rċevew ammont li kkunsidrat li ma kienx xieraq u adegwat bħala kumpens. Ir-rikorrenti m'appellawx minn dik is-sentenza u sussegwentement dan kollu kif ingħad aktar 'il fuq, ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2010, wara appell interpost mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, għajr għall-ammont ta' kumpens dovut.

21. Il-Qorti tikkunsidra li dan ifisser li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet ġiet imħassra bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti sa mis-7 ta' Diċembru, 2010. Tgħid li l-kwistjoni tan-nullità o meno tagħha tinstab deċiża finalment u llum tikkostitwixxi *res judicata* sabiex b'hekk il-Qorti hija inibita milli tittratta l-

kwistjoni mill-ġdid. Għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tlettax-il eċċezzjoni tal-Awtorità intimata

22. Iżda kif diġà rrilevat din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha suċitata, illum teżisti relazzjoni lokatizja bejn ir-rikorrenti u l-intimat Partit Laburista. Tqis madankollu li għalkemm din ir-relazzjoni nħolqot permezz ta' att bejn il-partijiet, ir-rikorrenti effettivament ma kellhom l-ebda għażla għajr li jirrikonoxxu lill-intimat Partit Laburista bħala inkwilin u b'hekk jibdew jirċievu xi forma ta' kumpens, iżda kif soġġett għall-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet kollha mposti mil-liġijiet tal-kera, jew li ma jaċċettawhx bħala inkwilin sabiex ma jissoġġettawx ruħhom għall-imsemmija kundizzjonijiet u restrizzjonijiet, bir-riżultat iżda li jiġu mċaħħda saħansitra mill-ftit kumpens stabbilit favur tagħhom mill-Bord li Jirregola l-Kera. Tirrileva li dwar dan, il-Qorti diġa' kellha opportunità li tesprimi ruħha fis-sentenza fejn ġie deċiżi ir-Rikors Kostituzzjonali nru 60/2006, kif diversament ippreseduta. Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx li s-sbatax-il eċċezzjoni tal-Awtorità intimata hija ġustifikata ġaladarba r-rikorrenti ma kellhom l-ebda triq legali minn fejn jgħaddu. Lanqas il-ħdax-il eċċezzjoni tal-Awtorità intimata m'hija ġustifikata. Kif ingħad, l-effetti tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienu u għadhom fuq ir-rikorrenti sallum permezz tal-ħolqien tar-relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet, kif soġġetta għal-liġijiet tal-kera ta' dak iż-żmien li sallum ma jagħtux lok għal żgumbrament għajr f'sitwazzjonijiet limitati ferm. Il-Qorti hawn iżżid tgħid li l-lanjanza tar-rikorrenti effettivament għalhekk tirrigwarda dik l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u l-effetti li din ħolqot, iżda mhux id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 *per se.* Għalhekk ser tastjeni milli tikkunsidra l-eċċezzjonijiet imfissra fil-paragrafi sebgħa sa ħmistax tar-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat, liema eċċezzjonijiet huma aktar xierqa fejn l-ilment jolqot id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 jew xi liġi oħra li tirregola l-kera.

23. Madankollu għal dak li jirrigwarda l-eżistenza o meno tal-kirja, il-Qorti tfakkar lir-rikorrenti illi skont kif saħansitra ġie rrilevat fis-sentenza msemmija, huma stess waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2008, permezz tal-avukat difensur tagħhom iddikjaraw li ma kienux qegħdin jinsistu fuq żgumbrament u li r-relazzjoni bejnhom u l-Każin Laburista ta' Santa Venera kienet, u konsegwentement għadha tgħid il-Qorti, waħda ta' lokazzjoni. Għalhekk tgħid li ma jistax isegwi, kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti, li l-lokazzjoni eżistenti hija nulla u l-intimat Partit Laburista huwa ġustifikat li jeċċepixxi permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu li huwa għandu titolu validu fil-liġi. B'hekk ukoll il-Qorti tilqa' id-disa' eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, u anki l-għaxar eċċezzjoni li ssegwiha. Iżda ma tistax tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-Awtorità intimata għaliex għalkemm illum konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni din m'għadhiex *in vigore,* il-partijiet għadhom qed jaġixxu taħt l-effetti tagħha, u l-istess argument japplika fir-rigward tas-sittax-il eċċezzjoni tagħha. Tgħid li wkoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Partit Laburista ma tistax tigi milqugħa għaliex għalkemm ma kienx huwa li ħareġ l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni in kwistjoni, iżda huwa bbenefika mill-effetti tagħha, tant li r-relazzjoni lokatizja mas-sidien tal-fond ma kienet qatt isseħħ mingħajr l-imsemmija Ordni. Tikkonsidra wkoll li jekk jirriżulta ksur riżultat tal-kumpens li r-rikorrenti qed jirċievu, iżda wkoll minħabba t-teħid tal-pussess tal-proprjetà tagħhom, ma jistax jingħad li l-intimat Partit Laburista ma jkollu l-ebda interess fl-eżitu tal-kawża odjerna, li jista' ikollu riperkussjonijiet oħra konsegwenzjali fuqu. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad din l-eċċezzjoni tal-intimat Partit Laburista.

24. Permezz tal-ħames eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità ntimata teċċepixxi li r-rikorrenti għandhom jippruvaw li huma l-uniċi sidien tal-fond, u li ma hemm l-ebda sidien oħra li għandhom interess fl-imsemmi fond. L-intimat Avukat tal-

Istat permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu jeċċepixxi ukoll li r-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu tagħhom. Il-Qorti tagħraf li jista' jingħad li l-proċeduri odjerni jsegwu dawk kostituzzjonali Rikors nru. 60/2006, u r-rikorrenti huma l-istess għajr iż-żieda ta' Nicholas Grech, b'dana li fil-każ ta' mewt huma rappreżentati minn uliedhom kif jirriżulta mid-diversi affidavits ippreżentati. Tagħraf għalhekk, li hemm sentenza finali li ddeċidiet ukoll din il-kwistjoni wara li kienet intqanqlet għall-ewwel darba mill-Awtorità intimata, u tgħid li fil-proċeduri odjerni din tal-aħħar mhijiex qegħda żżid xejn ġdid dwar din is-sottomissjoni tagħha. Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikjara li f'proċeduri bħal dawn m'hemmx bżonn prova assoluta tat-titolu tas-sidien u fil-każ odjern il-grad ta' prova necessarju ntlaħaq, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorità ntimata u tal-ewwel parti tat-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

25. Il-Qorti tqis li t-tnax-il eċċezzjoni tal-Awtorità intimata hija marbuta mal-ħames eċċezzjoni tagħha. Hawn tikkontendi li d-drittijiet fundamentali ma jistgħux jiġu trasferiti jew jintirtu u għaldaqstant meta min iħoss li jkun sofra ksur ma jkunx irrikorra lejn il-Qrati, l-eredi tiegħu ma jistgħux jaġixxu minfloku wara mewtu. Barra minn hekk permezz tat-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar perijodi qabel ma saru sidien tal-fond. Il-Qorti tirrileva li dan mhux skont l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali, liema insenjament qed jiġi wkoll segwit minn din il-Qorti, fejn huwa aċċettat li f'kawża bħal dik odjerna fejn il-fond ippervjena lir-rikorrenti permezz ta' wirt, huma għandhom dritt li saħansitra jitolbu għas-sehem tagħhom minn kwalunkwe kumpens li seta' kien dovut lill-ġenituri tagħhom, dejjem f'każ li jirriżulta ksur ukoll fil-konfront ta' dawn tal-aħħar.

26. Il-Qorti issa sejra tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-intimati, dan hekk kif jolqtu l-ilment prinċipali tar-rikorrenti. Kif ġie kkonstatat minn din il-Qorti aktar ’l fuq, ir-rikorrenti qegħdin jikkontendu li minħabba l-aġir tal-‘intimat’, li l-Qorti qegħda tqis bħala riferiment għall-Awtorità intimata u għall-intimat Avukat tal-Istat u minħabba l-ammont ta’ kumpens li huma jirċievu, hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, iżda wkoll tal-artikolu 41 u tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni għall-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni u l-ħarsien tal-libertà tal-assoċjazzjoni rispettivamnet, u tal-Artikolu 10 u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

27. Dwar l-allegat ksur tal-artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 10 u 11 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tikkunsidra li r-rikorrenti naqsu għal kollox milli jressqu prova ta’ xi xkiel fit-tgawdija tagħhom tad-drittijiet sanċiti. Ma ssib xejn li qiegħed iżommhom lura milli jesprimu l-opinjoni tagħhom b’kwalunkwe mod u/jew jassoċjaw ruħhom liberament. Ma tqisx li l-fatt li huma u l-awturi tagħhom ġew kostretti jirrikonoxxu lill-intimat Partit Laburista bħala inkwilin tal-fond, ħoloq interferenza fl-eżerċizzju ta’ dawn id-drittijiet. Għaldaqstant tilqa’ is-sittax u s-sbatax-il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

28. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra l-ilment prinċipali li jolqot l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, iżda qabel xejn tissenjala li kif sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat, ir-rikorrenti m’għamlu l-ebda allegazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk tqis li għandha tastjeni milli tikkunsidra it-tielet, ir-raba’ u l-ħames eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

29. Tgħid li diġà jinstab deċiż permezz tas-sentenza tagħha, kif diversament ippresjeduta, fir-Rikors Kostituzzjonali nru. 60/2006, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, li r-rikorrenti għandhom dritt għal kumpens xieraq u adegwat minħabba l-konsegwenzi li huma sofrew riżultat tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Għalhekk ma tikkunsidrax li hija għandha terġa' tidħol fil-mertu tal-ilment, iżda tqis li ġaladarba l-Qorti ddikjarat ksur u saħansitra r-rikorrenti ngħataw kumpens għall-perijodu li jispiċċa fid-data tal-imsemmija sentenza tas-26 ta' Novembru, 2009, ikkonfermata kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali, il-kompitu tagħha hawnhekk m'għandux ikun l-investigazzjoni mill-ġdid tal-ilment, iżda għandu jkun limitat għall-eżerċizzju tal-għoti ta' kumpens. Għaldaqstant tqis ukoll li m'għandhiex tilqa' it-tmintax-il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

30. F'sentenza fl-ismijiet **Cassar Torregiani *vs.* Avukat Ġenerali et**[19], il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet, dwar in-natura tad-danni li għandhom jiġu likwidati f'kawżi ta' din ix-xorta:

> *"Għalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax neċessarjament ma' likwidazzjoni ta' danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu injorati għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma: (i) it-tul ta' żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul ta' żmien li r-rikorrenti damu sabiex ressqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom; (ii) il-grad ta' sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma' dak li jista' jiġi perċepit fis-suq ħieles, konsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (iii) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti ....".*

31. F'sentenza oħra fl-ismijiet **Herbert Brincat et *vs.* Avukat Ġenerali et**[20], mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, inkiteb illi:

[19] 29.04.2016.
[20] 27.06.2019.

*"... il-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ċivili mġarrba. Huwa minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti bħala rimedju kemm danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji, iżda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jingħata fi proċeduri bħal dawn ma għandux ikun ekwivalenti għal danni ċivili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Id-danni pretiżi huma marbuta mat-talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali u mal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi."*

32. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Estella sive Estelle Azzopardi et *vs.* Avukat Ġenerali et**[21], il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet illi,

*"... ir-rimedju li tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fondamentali u mhux danni ċivili għal opportunitajiet mitlufa."*

33. Kif diġa' kellha l-opportunità li tteni din il-Qorti, id-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna. Għar-rigward tal-*quantum* tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu. Il-Qorti għalhekk tikkunsidra li diġà esprimiet il-fehma tagħha, kif diversament ippreseduta, permezz ta' dak li ġie deċiż fir-Rikors nru. 60/06 kif għandhom jiġu likwidati d-danni relatatament mal-każ odjern, u ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi mill-mod ta' kif ġew likwidati d-danni f'dawk il-proċeduri.

34. Iżżid tgħid li ma jistax jitwarrab il-fatt li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ġiet dikjarata nulla minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, għaliex ma saritx

[21] 30.09.2016.

skont il-liġi, u dan l-imsemmi fatt jikkontrasta ferm ma' proċeduri oħra fejn ma kienx hemm kwistjoni tan-nullità o meno tagħha.

35. Filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni tat-tmin eċċezzjoni tal-Awtorità tad-Djar, iżda tiċħad id-dsatax-il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat stante hawnhekk it-talba tirrigwarda l-perijodu li jibda wara s-26 ta' Novembru, 2009, jew id-data li fiha ġie deċiż minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, ir-Rikors Kostituzzjonali nru. 60/2006, il-Qorti tqis li kumpens pekunjarju fl-ammont ta' mija ħamsa u ħamsin elf mitejn u erbgħin Euro (€155,240)[22] u kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000), għandhom ikunu kumpens ġust u xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-Awtorità intimata lir-rikorrenti solidalment bejniethom.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni, il-ħames, is-seba' u t-tlettax-il eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, filwaqt li tilqa' is-sitt, it-tmin, id-disa', l-għaxar u b'mod limitat il-ħmistax-il eċċezzjoni tagħha, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzonijiet tagħha;**

2) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet sal-ħames, u s-seba' sal-ħmistax -il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, filwaqt li tilqa' is-sitt, is-sittax-**

[22] Il-valuri lokatizji kif stmati mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju fir-rapport tiegħu għas-snin 2010 sa 2019 (il-kawża ġiet intavolata fil-bidu ta' 2020) fejn għandu jitnaqqas il-kera riċevuta: €159,060-€3,820=€155,240.

**u s-sbatax-il eċċezzjoni tiegħu, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

3) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni tal-intimat Partit Laburista, filwaqt li tilqa' it-tielet, ir-raba', is-sitt sad-disa' eċċezzjoni tiegħu, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

4) **Tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti limitatament billi tiddikjara li l-aġir tal-Awtorità intimata u tal-intimat Avukat tal-Istat, u l-ammont ta' kumpens li r-rikorrenti qegħdin jirċievu mill-kirja tal-fond kien u għadu leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;**

5) **Tillikwida u tikkundanna lill-Awtorità intimata u l-intimat Avukat tal-Istat flimkien iħallsu lir-rikorrenti solidalment kumpens pekunjarju u mhux pekunjarju u dan *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 319, fis-somma komplessiva ta' mija wieħed u sittin elf mitejn u erbgħin Euro (€161,240.00), bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-proċedura odjerni għandhom jitħallsu kwantu għal terz (1/3) kull wieħed mir-rikorrenti, mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-intimata Awtorità tad-Djar rispettivament.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**